**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-il Erbgħa 28 ta' Ottubru 2015**

**App. Nru. 215/15 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Christopher Cassar**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi Christopher Cassar, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 578165M, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer, matul l-1989, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:

a) appropja ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn merkanzija u flus b'valur li jeċċedi l-Lm45,000, liema flus u merkanzija kienu ta' Alf Mizzi & Sons Ltd. u li kienu ġew fdati jew ikkunsinnati lilu minħabba l-kariga jew servizz tiegħu u cioe` fil-kapaċita` tiegħu bħala 'salesman' impjegat mal-imsemmija soċjeta`, taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-flus u merkanzjia jew li jsir użu minnhom speċifikat;

b) għamel falsifikazzjonijiet f’atti awtentiċi, jew fi skritturi kummerċjali b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura, billi ħoloq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffirmati inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; u aktar talli xjentement għamel użu minn skrittura falsifikata imsemmija;

**2.** Rat id-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tas-27 ta’ April 2015, fejn dik il-Qorti, sabiex ir-retta amministrazjoni tal-ġustizzja ma tkomplix tiġi mminata ulterjorment, ċaħdet it-talbiet tad-difiża, b’dan illi stiednet lill-imputat, strettament u eskussivament fuq għażla tiegħu, sabiex jerġa’ jieħu l-pedana tax-xhieda quddiem il-Qorti kif preseduta, bl-intiża ċara illi kemm-il darba huwa jagħżel li jagħmel dan, allura jissuġġetta ruħu mill-ġdid għall-kontro-eżami tal-prosekuzzjoni. Wara li l-imputat jixhed mill-ġdid jew altrimenti wara li jiddikjara li mhux ser jerġa’ jixhed f’dawk il-proċeduri, il-Qorti tisma’ lill-partijiet jagħmlu s-sottomissjoniiet finali tagħhom dwar il-provi prodotti, sabiex tkun tista’ tgħaddi ghas-sentenza;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Christopher Cassar ppreżentat fir-reġistru ta’ din il-Qorti fit-30 ta’ April 2015, fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka d-digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fis-27 ta’ April 2015 u minflok tordna s-smiegħ mill-ġdid tax-xhieda kollha prodotti fl-ogħla interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet is-sottomissjonijiet tad-difensur ta’ l-appellant; rat in-nota responsiva ta’ l-Avukat Ġenerali għar-rikors ta’ appell u r-r-risposta ta’ l-appellant; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta’ l-appellant huma s-segwenti:

> “Illi l-esponent jirritjeni li hi prassi gudizzjarja stabbilita li f’kaz ta’ bidla fil-Magistrat li jkun qed jippresjedi kawza penali, il-Magistrat li jkun ser jibda jippresjedi jikkonstata jekk l-imputat jixtieqx jezenta lill-Qorti kompetenti mis-smiegh mill-gdid tax-xhieda prodotti jew jekk jixtieqx li l-istess xhieda jinstemghu mill-gdid.
>
> “Illi kif rilevat mill-esponent fin-nota minnu pprezentata quddiem l-Ewwel Qorti l-alternattiva disponibbli lill-imputat hija mehtiga fl-interess tar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja stante li hu indispensabbli li f’kaz li l-istess jaghzel li ma jesentax lill-Qorti kompetenti mis-smiegh tax-xhieda prodotti l-Magistrat li jkun beda jippresjedi ikun f’posizzjoni li jaghmel skrutinju adegwat tal-komportament tax-xhieda fuq il-pedana tax-xhud propju biex ikun f’qaghda li jikkonstata l-kredibilita` u l-attendibilita` tax-xhieda prodotti de propio. Dan biex

il-kawza li tkun quddiem il-Qorti kompetenti tkun tista' tigi definita skond in-normi tal-gusitizzja. Huwa evidenti li in difett r-retta amministrazzjoni tal-gustizzja tigi kompromessa.

"Illi minkejja l-premess b'digriet opportun moghti mill-Ewwel Qorti fis-27 ta' April, 2015 l-istess awtorizzat lill-esponent esklussivament li jiddeponi.

"Illi l-esponent jirritjeni li d-digriet riferit huwa guridikament infondat stante li una volta li l-esponent kien intitolat li ma jezentax lill-Ewwel Qorti mis-smiegh mill-gdid tax-xhieda prodotti l-istess kienet tenuta li tilqa' din it-talba senjatament biex tkun f'qaghda li tikkontrolla x-xhieda prodotti biex tkun tista' tikkonstata l-kredibilita` u l-konsegwenti attendibilita` ta' tali xhieda u dan fl-oghla interess tar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja. Permezz tad-digriet riferit giet prodotta sitwazzjoni li filwaqt li l-attendibilita` tax-xhieda tal-esponent kienet ser tigi soggetta ghal-skrutinju tal-Ewwel Qorti, kif inhu xieraq, l-kredibilita` u l-konsegwenti attendibilita` tax-xhieda l-ohra prodotti ma kinitx ser tigi skrutinata bi ksur tal-principju tal-'equality of arms' konsistenti minn zbilanc processwali palez.

"Illi huwa sottomess bir-rispett li permezz tad-digriet impunjat gew lezi gravement d-drittijiet tal-esponent b'mod li hemm lok ghar-revoka tal-istess digriet biex l-esponent ikun f'qaghda li jipproduci x-xhieda kollha li gew prodotti in omagg ghall-principju tal-'equality of arms' b'mod specifiku biex il-kredibilita` u l-konsegwenti attendibilita` tax-xhieda kollha prodotti inkluz tal-esponent tkun tista' tigi skrutinata mill-Magistrat sedenti u mhux dik tal-esponent esklussivament. B'hekk tigi salvagwardata r-retta amministrazzjoni tal-gustizzja billi jigi evitat li javvera ruhu zbilanc processwali bi pregudizzju ghall-esponent."

**6.** Fir-risposta tiegħu l-Avukat Ġenerali, minbarra li stqarr li d-digriet ta' l-ewwel Qorti għandu jiġi kkonfermat, issottometta li d-digriet in kwistjoni mhux appellabbli ai termini ta' l-artikolu 415(1) tal-Kodiċi Kriminali. Mill-banda l-oħra l-appellant jissottometti illi jekk it-talba tiegħu ma tintlaqax, ser ikun hemm ksur tal-prinċipju ta' 'equality of arms' li jista' jwassal għal ksur tad-drittijiet fundamentali ta' l-appellant.

**7.** Issa, is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 415 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi: **"L-appell minn digriet interlokutorju li ma jżommx il-kawża milli titmexxa 'l quddiem, jista' jsir biss wara s-sentenza definittiva, u flimkien mal-appell minn din is-sentenza."**

**8.** Id-digriet tas-27 ta' April 2015 huwa digriet interlokutorju li permezz tiegħu l-ewwel Qorti tat id-deċiżjoni tagħha dwar kif il-kawża għandha tipproċedi, u dan sabiex il-proċeduri ma jkunux stultifikati aktar f'kawża li bdiet fit-22 ta' Jannar 1991, in-nota ta' rinviju għall-ġudizzju ntbagħtet mill-Avukat Ġenerali fl-4 ta' Ottubru 1992, l-appellant iddikjara li ma kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati fit-2 ta' Diċembru 1992 u l-kawża tħalliet

għall-provi tad-difiża għat-22 ta' Jannar 1993. Jiġifieri l-appellant kellu aktar minn 22 sena biex jikkonkludi d-difiża tiegħu.

**9.** L-imsemmi digriet mela, skond kif jiddisponi s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 415 imsemmi, huwa digriet "**li ma jżommx il-kawża milli titmexxa 'l quddiem**". Konsegwentement mhuwiex appellabbli f'dan l-istadju.

**10.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-prosegwiment skond id-digriet imsemmi tas-27 ta' April 2015.